MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 2330/2002

**George Galea**

**vs**

**Joseph u Miriam konjugi Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u erbghin lira Maltin (Lm940.00) rappresentanti prezz ta' mljoramenti li l-attur ghamel fil-fond 'Ta' Paris Self Service', Triq Cesalpina, Ta' Paris, Birkirkara, liema fond jappertjeni lill-konvenuti u kien mikri lilu.
Bl-ispejjes, u bl-imghax kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta’ disa’ mija u erbghin lira Maltin (Lm940.00), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------